MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2012

Numru. 656/2012

Il-Pulizija
(SpTrevor Micallef)
vs
Marco Rapinett, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Marzu, 1988, karta ta’ l-identita numru 127488(M)
u
Denis Cremona, iben Paul, imwieledPieta’ fit-23 ta’ Lulju, 1975, karta ta’ l-identita numru 365475(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli f’dawn il-Gzejjer fit-22 ta’ Ġunju, 2012 għal ħabta tal-4.00 p.m. mix-Xatt ta’ San Ġorġ, San Ġiljan:
1. ikkomettew serq ta’ handbag li jiswa €50, illi fih kien hemm mobile phone tal-marka Nokia li jiswa €100, kamera diġitali ta’ l-għamla Nikon li tiswa €120, nuċċali tax-xemx tal-vista tal-amrka Versus li jiswa €70, nuċċali

tax-xemx tal-marka Polar li jiswa €60 u €42 fi flus kontanti liema serq hu aggravate bil-valur (aktar minn €232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37) għad-dannu ta’ Angela Bertaboni;

2. talli rrendew ruħhom reċidivi b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;

lil **Marco Rapinett**, waħdu:

3. talli kiser sentenza sospiża mogħtija fl-1 ta’ Mejju, 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati liema sentenza għadha fiż-żmien operattiv.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Ġunju, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-oġġetti misruqa ġew kollha ritornati.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Ġunju, 2012 fejn l-imputati ammettew l-akkużi rispettivi tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal piena ta’ sitt xhur priġunerija. Fil-konfront ta’ **Marco Rapinett**, rat is-sentenza tal-1 ta’ Mejju, 2012 fejn ġie ikkundannat għal piena ta’ sentejn priġunerija, liema sentenza ġiet sospiża għal perjodu ta’ erba’ snin. Rat l-artikolu 28B(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali perjodu ta’ erba’ snin jerġa jibda jidekorri mil-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------